A.L. 22 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw il-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw il-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħmistax-il Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Jissostitwixxi l-partita 2 tat-Taqsima Ċ ta' l-Iskeda.

2. Minflok il-partita 2 tat-Taqsima Ċ ta' l-Iskeda għandu jidħol dan li ġej:

"2. Il-Kummissarju jista' jordna li ż-żmien ta' provvisti magħmula minn jew lil persuna reġistrata li għaliha tirreferi din it-Taqsima għandu jkun iż-żmien meta jsir jew jiġi riċevut ħlas, skond il-każ, għal dawk il-provvisti, sal-limitu ta' kull ħlas bħal dak, u li l-valur taxxabbli ta' dawk il-provvisti għandu jiġi stabbilit b'riferenza għal kull ħlas bħal dak li jkun sar jew ġie riċevut.".

Jissostitwixxi l-partita 3 tat-Taqsima Ċ ta' l-Iskeda.

3. Minflok il-partita 3 tat-Taqsima Ċ ta' l-Iskeda għandu jidħol dan li ġej:

"3. Direttiva skond il-partita 2 ta' din it-Taqsima għandha tingħata bil-mezz ta' avviż bil-miktub jew b'avviż li jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u tista', b'avviż bħal dak, tiġi emendata jew revokata. Sakemm ma jiġix speċifikat xort'oħra, dik id-direttiva għandha tkun tapplika għall-provvisti kollha magħmula mill-persuna jew lill-persuna li tkun irċeviet dik id-direttiva b'seħħ mid-data ta' dik id-direttiva u sakemm dik id-direttiva tiġi revokata.".